# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 15**

**Rikors Numru: 308/16 MH**

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid ezekuttiv Nru: 510/2016 fl-ismijiet:**

**Dr Georg Sapiano**

**v.**

**Jette Scott**

Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-3 ta' Gunju 2016, li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

"**Il-Qorti;**

"Rat **ir-rikors tal-intimata Jette Scott [82871A] u ta' George & Rocco Car Centre Limited (C-52595) [għal kull interess li jista' jkollhom qua proprjetarji tal-vettura maqbuda]** ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12,

prezentat fil-15 ta' April 2016 fejn gie premess:

"*"Illi l-bieraħ il-Ħamis 14 t'April, fis-sebgħa u kwart ta' filgħodu, ir-rikorrenti Jette Scott sebħet bil-marixxalli u l-konsenjatarju wara l-bieb tad-dar tagħha, li nfurmawha illi sejrin jeżegwixxu l-mandat ta' qbid ezekuttiv fuq ċitat kontra tagħha u li kienu ser joħdulha l-vettura; dan abbażi ta' titolu ezekuttiv konsistenti minn kambjala bejn il-partijiet reza ezekuttiva permezz ta' ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar, 2016. [kopja tal-mandat ezebita bħala* ***Dok JS 1****]*

"*Illi l-esponenti qegħdin iressqu l-preżenti rikors għar-revoka tal-mandat ai termini tal-****Artiklu 281 tal-Kap 12*** *tal-Llġijiet ta' Malta.*

"*Illi essenzjalment, dan ir-rikors huwa msejjes fuq zewġ kapijiet:*

"*[i] il-fatt illi l-kambjala allegatament reza ezekuttiva, ġiet fil-fatt kontestata bil-proċedura ai termini stabbilita fl-Artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li biha l-esponenti Jette Scott qed titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-ittra uffiċjali mibgħuta minn Dr Sapiano. Dan ir-rikors għadu ma ġiex appuntat u wisq anqas deċiż u għalhekk huwa sottomess illi l-kambjala preżentement mhijiex ezegwibbli;*

"*[ii] il-fatt illi l-vettura maqbuda, ċjoe Audi Q3, numru ta' reġistrazzjoni BAT 288, għalkemm tassew reġistrata f'isem Jette Scott, mhijiex proprjeta' tagħha għaliex ġiet trasferita ai termini ta' hire-purchase agreement u għadhom ma tħallsux il-pagamenti rateali kollha;*

"*Dan ir-rikors qiegħed jitressaq mingħajr preġudizzju għall-argument imressqa mill-esponenti fil-proċeduri għat-twaqqif tal-ezekuzzjoni tal-kambjala.*

"***A. Fatti fil-qosor***

- "*Fi Frar 2016, l-esponenti ġiet notifikata b'ittra uffiċjali ta' Dr Georg Sapiano mibgħut a tenur tal-artikli 253 u 256(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, maħsuba sabiex tirrendi eżekuttiva kambjala datata 28 t'Ottubru, 2014 għall-valur ta' tmintax-il elf Euro [€ 18,000]. Din l-ittra ġiet segwita b'mandat ta' sekwestru għal sorte ta' tmintax-il elf Euro [€ 18,000]*
- "*L-esponenti ikkontestat tali kambjala ai termini tal-proċedura stabbilita fl-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li tippermetti li jsir rikors li bih l-allegat debitur jikkontesta l-ezekuzzjoni tal-kambjala;*
- "*Illi r-raġunijiet li fuqhom l-esponenti sejset it-talba tagħha kienu s-segwenti:*

"*(i) illi għalkemm iffirmata biss mill-esponenti, l-ammont indikat fil-kambjala jirrappreżenta drittijiet professjonali relatati ma' servizzi mogħtija mhux lilha iżda, primarjament, lill-eks- raġel tagħha Glen Scott fi żmien meta huma kienu għadhom miżżewġin;*

"*(ii) Illi mid-data tal-kambjala, il-konjuġi Scott ottenew divorzju u l-ammont in kwestjoni ta' tmintax-il elf Euro assuma r-responsabbilita' għalih żewġha Glenn Scott; Għalhekk huwa dovut fl-intier minnu jew, fl-agħar ipoteżi għall-esponenti, hija għandha biss tħallas nofs l-ammont in kwestjoni;*

"*(iii) Illi l-mittenti Dr Sapiano dan jafu sew għaliex għadu f'kuntatt kemm mal-esponenti u kemm ma' l-eks-żewġha Glenn Scott u, safejn taf l-esponenti, saħansitra Glenn Scott għadu klijent tiegħu;*

"*(iv) Illi kemm hu hekk, qabel ma l-mittenti rċeviet l-ittra Dr Sapiano kien avviċinaha u anke pproponhielha ftehim sabiex din il-vertenza tissolva amikevolment*

- "*Illi r-rikors fuq imsemmi huwa pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta [**Rikors Numru 149/2016 MH**] u għadu ma ġiex appuntat [kopja tar-rikors **JS2**, dettalji mis-sit tal-Ministeru tal-Ġustizzja **JS3**];*
- "*Illi f'dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm xi skambji fuq bażi mingħajr preġudizzju li, pero, ma wasslux għal ftehim bejn il-partijiet;*
- "*Illi fis-siegħa u l-ħin, bil-proċeduri għadhom pendenti, l-esponenti sabet ma wiċċha dan il-mandat ta' qbid **ezekuttiv** li wassal għall-elevazzjoni tal-unika vettura tal-esponenti, vettura li hija tuża ta' kuljum għall-bzonnijiet tal-familja tagħha, inkluż biex twassal lil uliedha l-iskola*
- "*Illi bir-rispett, dan mhux ħlief attentat biex titpoġġa pressjoni indebita fuq l-esponenti meta l-proċeduri dwar il-kambjala għadhom pendenti;*
- "*Illi fuq kollox, għalkemm il-vettura milquta mill-mandat hija tassew reġistrata f'isimha (Jette Scott), fil-verita' din għadha mhix proprjeta' tagħha għaliex għadha ma ħallsitx ir-rati kollha dovuti ai termini ta' hire purchase agreement mal-venditriċi George & Rocco Car Centre Limited, li hija wkoll rikorrenti f'din il-kawza qua proprjetarja tal-vettura [Dok **JS 4** u **JS 5**)];*

"***B. Raġunijiet għar-revoka***

"*Illi ai termini tal-Artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

"*281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih issottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik*

*il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

"*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien maddokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta: Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, ilqorti għandha tilqa' t-talba.*

"*Illi l-esponenti ssostni illi r-raġunijiet spjegati aktar kmieni huma tali illi jiġġustifikaw ir-revoka ta' dan il-mandat;*

"*Illi l-ewwelnett, dan il-mandat huwa milqut minn għelt proċedurali li anke mad-daqqa t'għajn jirrendih irregolari. Dan għaliex il-mandat ta' qbid ipprezentat huwa mandat ezekuttiv, li ħareġ abbażi ta' allegat titolu ezekuttiv, iżda illi fil-verita' qed jiġi preżentement attakkat fil-Qorti u allura għadu mhux ezegwibbli.*

"*Illi apparti l-aspett proċedurali ta' dan, l-esponenti ma tistax ma tinnutax ukoll element ta' malafede wara dan il-mandat għaliex l-allegat kreditur jaf tajjeb bil-proċeduri msemmija iżda konvenjentement żamm il-Qorti sajma minn din l-informazzjoni, kemm fil-mandat ta' qbid stess kif ukoll fir-rikors kontestwali li bih talab l-eleveazzjoni tal-vettura.*

"*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif ġa ntqal, f'mandat ta' qbid, l-oġġett milqut mill-mandat irid ikun ta' proprjeta' tal-allegat debitur. F'dan il-kaz, il-proprjeta tal-vettura għadha proprjetà tas-soċjeta rikorrenti George and Rocco Car Centre Limited, u mhux ta' Jette Scott, stante li dawn daħlu f'hire purchase agreement mal-esponenti Scott li ai termini tiegħu l-proprjeta' tal-mobbli tgħaddi biss meta jsir il-ħlas tal-prezz sħiħ.*

"*Illi dan ifisser illi effettivament l-allegat kreditur qabad oġġett li mhux minnu li jappartjeni lid-debitriċi Jette Scott.*

"***Talba:***

"*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li l-att ezekuttiv fl-ismijiet fuq ċitati jitħassar, filwaqt illi tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u ġusti;*

"*Inoltre, stante illi l-vettura milquta mill-mandat hija l-unika karozza tal-esponenti li hija tuża ta' kuljum għal bżonnijiet tal-familja, umilment titlob li, jekk din il-Qorti hekk jidhirlha, takkorċja l-perjodi tar-risposta, u dan kif jippermetti speċifikament l-artiklu 281(2) tal-Kap 12.*

"*Bl-ispejjez.*"

Rat id-dokumenti esibiti ma' dan ir-rikors fosthom in-Nota tal-Marixxal tal-Qorti li biha ddikjara li ezegwixxa l-Mandat ta' Qbid in kwistjoni billi qabad il-vettura tal-marka Audi Q3 ta' kulur abjad u bin-numru ta' registrazzjoni BAT 288.

"Rat **ir-risposta ta' Dr. Georg Sapiano** (ID71568M) prezentata fit-3 ta' Mejju 2016[1] li permezz taghha espona:

"*"Illi permezz ta' rikors intavolat fil-15 ta' April 2016 mil-intimata Jette Scott u George & Rocco Car Centre Limited ghal kull interess li jista' jkollhom, din l-Onorabbli Qorti ntalbet thassar il-mandat ta' qbid ezekuttiv bin-numru 510/2016, mahrug abbazi ta' import ta' kambjala maturata bejn il-partijiet fuq imsemmija, li ggib id-data tat-28 ta' Ottubru 2014, liema debitu gie rez titolu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Frar 2016 a tenur tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Specifikament l-intimata talbet illi dina l-Onorabbli Qorti "tordna li l-att ezekuttiv fl-ismijiet fuq citati jithassar, filwaqt illi taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u gusti" filwaqt illi "takkorcja l-perjodi tar-risposta, u dan kif jippermetti specifikament l-artikolu 281(2) tal-Kap. 12".*

"*Illi essenzjalment ir-rikors hawn fuq imsemmi jinkwadra ruhu u huwa espressament imsejjes fuq dak li jipprovdi l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-artikolu 281(1) li jghid:*

"*"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi"*

"*Illi fis-sentenza mghotija fl-Atti tar-Rikors tal-Mandat ta' Eżekuttiv numru 1496/03, fl-ismijiet* ***Emanuel Vella vs. Lloyd's Malta Limited u General Insurance Services Limited****, deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003, il-qorti tefat dawl fuq it-tifsira ta' dan l-artikolu:*

"*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispożizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi* ***ghelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-intimat eżekutat ibati pregudizzju.*** *Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici,* ***ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv***

[1] Fol 28 et seq

***iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu** li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A[281] jagmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jingata bla hsara gal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;"*

"*Illi allura l-ligi hawnhekk bl-uzu specifiku tal-kliem "ghal raguni valida skond il-ligi", qeghda taghmel referenza ghal-**element li n-nuqqas ta' tharis tieghu igib in-nullita' ta' Mandat Ezekuttiv**. Dan gie mfisser ukoll fis-sentenza moghtija wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 392/05 fl-ismijiet* **Edward PAE vs Michael Sultana, Aronne sive Ronnie Caiattolo u Mario Debattista** *mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005, fejn inghad:*

"*"Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, **jista' jingad li mandat jista' <u>biss jigi attakkat</u> kemm-il darba jkun <u>inhareg minn Qorti żbaljata</u> jew jekk ikun <u>hemm xi difett fil-forma</u>.**"*

"*Illi ma jirrizultax illi fil-kaz de quo il-mandat inhareg minn Qorti zbaljata u l-anqas li hemm xi difett fil-forma, u ghalhekk l-ebda mir-rekwiziti sabiex jigi attakkat mandat ezekuttiv ma jissussisti.*

"*Illi l-intimata Scott qeghda tibbazza r-rikors taghha fuq il-fatt illi l-kambjala in kwistjoni ma gietx reza ezekuttiva stante illi din giet kontestata ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti il-fakulta lill-Qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala, sabiex "b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala" minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala ma tkunx taghha jew tal-parti indikata jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra "gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni". Jidher illi fil-kaz in kwistjoni, ghalkemm huwa veru illi l-intimata Scott ghamlet rikors f'dan ir-rigward, sal-gurnata tal-llum ghad m'hemmx digriet mil-Qorti kompetenti li jissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-artikolu surriferit, b'dan ifisser illi l-kambjala hija ezegwibbli.*

"*Illi tajjeb illi jigi hawn osservat ukoll illi ir-rikors intavolat mil-istess Scott sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, huwa biss attentat zbrigattiv u malizjuz sabiex l-istess intimata tahrab mil-obligazzjonijiet taghha fil-konfront tal-attur; loghba illi kompliet tintlab meta gie intavolat ir-rikors illi ghalih qeghda ssir ir-risposta odejrna, a skapitu ta' l-attur illi qieghed sempliciment jitlob dak li huwa kjarament dovut lilu.*

"*Illi di fatti fir-rikors bin-numru 149/2016 MH li ghalih l-intimata taghmel referenza fir-rikors tal-15 ta' April 2016, l-intimata ghal darb ohra tipprova tiskapola l-obbligi taghha ai termini tal-kambjala iffirmata minna stess, billi*

*tghid illi nofs l-ammont huwa dovut mil-ex ragel taghha Glenn Scott, filwaqt illi ssostni illi l-ittra ufficjali sabiex trendi l-kambjala ezegwibbli saret biss sabiex tpoggi pressjoni fuq l-intimata.*

"*Illi jirrizulta li l-ebda min dawn l-allegazzjonijiet ma huma veritieri. Fl-ewwel lok, kien hemm minn ta' l-anqas hames okkazzjonijiet li fihom l-intimata Scott ammettiet u accettat illi ghandha thallas l-ammont ta tmintax-il elf msemmi fil-kambjala in kwistjoni, kif jirrizulta mil-korrispondenza bejn il-partijiet bl-emails, senjatament dawk datati 16 ta' Settembru 2015 mibghuta fil-8:49am, dik tal-10 ta' Ottubru 2015 mibghuta fil-14:26pm, dik tas-16 ta' Ottubru 2015 mibghuta fil-12:01pm u dik tat-26 ta' Ottubru 2016 mibghuta fid-9:59am (kopja tal-korrispondenza rilvanti hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A');*

"*Illi aktar minn hekk, jirriuzlta wkoll li l-intimata kienet weghdet hlas minn kuntratt ta' assenjazzjoni ta' konvenju li kellha taghmel, tant li tat istruzzjonijiet lin-Nutar Roland Wadge sabiex ihallas l-ammont ta' tmintax il-elf lir-rikorrenti (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B') a saldu tal-kambjala in kwistjoni:*

"*"I hereby delegate and instruct you to pay out of any deposit, or purchase price or consideration for assignment of rights or any other consideration or amounts payable to me Dr.Georg Sapiano (holder of identity card number 71568(M) of Aequitas Legal, Valletta Buildings, Level 2, South Street, Valletta) the total sum of eighteen thousand Euro (€ 18,000) in settlement of a bill of exchange signed and accepted by me, a copy of which is attached to this letter of instructions."*

"*Illi meta sar il-kuntratt izda, hi infurmat lin-Nutar Wadge illi il-hlas kien ser isir minn-nutar iehor (cioe in-nutar tax-xerrej) u ghaldaqstant ma kellux ghalfejn jaffetwa l-pagament hu. Dan pero ma kienx veru u l-hlas ma sarx. Meta l-intimata giet ikkonfrontatta bl-agir dizonest u gharrieqi taghha, bdiet tghid li m'ghandiex obbligu thallas is-somma ta' tmintax il-elf euro.*

"*Illi fit-tieni lok, irid jinghad, kif jidher mil-korrispondenza bejn il-partijiet hawn annessa ma din ir-risposta, illi l-attur min dejjem kien dispost illi jasal f'arrangament amikevoli mal-intimata minghajr ma jkollu jirrikorri ghal-hrug ta' mandati bhal dak odjern, izda in-nuqqas ta' osservanza ta' pagamenti mil-intimata stess, n-nuqqas ta' koerenza fis-soluzzjonijiet proposti minna kif ukoll n-nuqqas ta' kooperazzjoni mil-istess, ma hallew ebda triq alternattiva.*

"*Ma hemm allura l-ebda fondazzjoni ghall-alegazzjoni ta' l-intimata illi il-mandat hareg ingustament sabiex issir pressjoni fuq l-istess intimata. Illi dan apparti l-fatt illi r-rikors numru 149/2016 huwa irritu stante illi kif jinghad f'bosta sentenzi tal-Qrati nostrani dwar il-mod kif ghandhom*

*jitmexxew proceduri that l-artikolu 251(e), dawn ghandhom ikunu sempliciment u unikament limitati ghall-indagni dwar jekk jezistix xi difett jew nuqqas fid-dokument (kambjala) innifsu u m'ghandhomx jiskonfinaw fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra*[2]*. Dan ghaliex "wiehed mill-elementi essenzjali tal-kambjala u r-ragunijiet prevalenti ghala l-kambjala kienet u ghadha strument importanti fil-kummerc huwa l-fatt illi meta tinhareg kambjala din tikkreja obbligazzjoni ad hoc, li hija distinta mill-kawza jew obligazzjoni originali. Din hija t-teorija anke tal-gurist Navarrini"*[3]

"*Illi ghalhekk huwa ampjament car illi dak illi qeghda tipprova taghmel l-intimata permezz ta' dan ir-rikors, huwa illi tattakka tali mandat, ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu, u ghalhekk ma jinkwadrawx f'dak illi huwa permess skond l-artikolu 281 tal-Kap. 12. Minflokk ma l-intimata hasbet sabiex thallas l-ammont dovut minna, l-intimata baqet tagixxi b'mod mil-aktar egoist, tant illi xtrat karozza lussuzza fiz-zmien illi dan l-ammont deskritt fil-kambjala kien diga dovut. Dan dejjem bi pregudizzju kbir ghal attur li prova jasal f'arrangament ma l-intimata bil-kelma t-tajba, liema negozjati izda sfaxxaw fix-xejn minhabba n-nuqqas ta' l-intimata illi timxi bi buona fede.*

"*Illi għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti jopponi għat-talba fir-rikors bin-numru 308/2016 M16 u jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba ta' l-eżekutata Jette Scott bl-ispejjeż kontra l-istess eżekutata;"*

"Rat id-dokumenti annessi mal-istess risposta.

"Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda guramentata ta' Dr. Pio Valletta in rapprezentanza ta' George & Rocco Car Center Limited[4] fejn qal li l-vettura maqbuda hija koperta minn kuntratt ta' *pactum riservati dominium* u peress li ghadha qed tithallas mir-rikorrenti Scott din ghadha proprjeta' ta' din il-Kumpanija.

"Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li saret waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2016[5]. F'din l-istess seduta l-proceduri gew differiti ghad-digriet.

"Rat l-atti l-ohra kollha.

"**Ikkunsidrat:**

---

[2] Ara, fost l-ohrajn, is-sentenzi fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs. Mario Grech, Appell, 6/10/2000; Carmelo Zammit vs. Armando Bugeja, Appell Inferjuri 28/03/2008;
[3] Adrian Warrington vs. Josef Galdes, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30/04/2012
[4] Fol 75 et seq
[5] Fol 77 et seq.

“Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka l-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv Nru 510/2016 ghal zewg ragunijiet u cioe’ li: (i) il-kambjala allegatament reza ezekuttiva, giet fil-fatt kontestata b’rikors a bazi tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12, liema rikors ghadu mhux deciz u ghalhekk tali kambjala prezentament mhijiex ezegwibbli; (ii) l-vettura maqbuda, Audi Q3, numru ta’ registrazzjoni BAT 288, ghalkemm registrata f’isem Jette Scott, mhijiex proprjeta’ taghha ghaliex giet trasferita ai termini ta’ *hire purchase agreement* u ghadhom ma thallsux il-pagamenti rateali kollha.

“Mill-banda l-ohra Dr. Georg Sapiano qieghed jopponi t-talba ghaliex fil-fehma tieghu l-elementi mehtiega fil-ligi ghat-thassir tal-Mandat ma humiex sodisfatti fil-kaz odjern. Anke jekk prezentement hemm pendenti rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti qeghda a bazi tal-artiklu 253 (e) tal-Kap 12 titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala li taghha huwa qieghed jitlob l-ezekuzzjoni permezz ta’ ittra ufficjali numru 340/2016, ghad ma hemm ebda digriet li effettivament jissospendi l-ezekuzzjoni ta’ tali kambjala. Inoltre huwa car li r-rikorrenti qeghda tipprova tattakka l-mandat ghal ragunijiet ta’ kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu u ghalhekk ma jinkwadrax ruhu f’dak li huwa permess skont l-artikolu 281 tal-Kap 12.

“It-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta' qbid ezekuttiv in kwistjoni qeghda ssir a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jikkoncedi d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex tintavola rikors u titlob li l-istess mandat jigi mhassar ghal kollox jew parti minnu, dment li tkun tezisti raguni valida fil-ligi. Testwalment dan l-artikolu jipprovdi hekk:

“*“**281.** (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista’ taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista’ tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li latt ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.”*

“Il-Qrati konsistentement ippronunzjaw ruhhom dwar il-portata ta’ dan l-artikolu. Fil-kaz fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid numru 226/14 fl-ismijiet **Anthony Charles John Cassar et vs Carmen German et deciz fis-6 ta’ Mejju 2015**[6] din il-Qorti qalet hekk b’referenza ghal gurisprudenza tal-Qrati dwar din il-materja:

“*“….fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana**, deciza fil-5 ta' Mejju 2005 per Onor. Imh. Joseph R. Micallef: **"Illi l-ligi ma tghidx***

[6] Rik 167/14

***x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma***"*(Enfasi ta' din il-Qorti)*

"*Vide ukoll* ***Joseph Spiteri vs Anthony Perry et*** *digriet interolukotrju deciz fl- 14 ta' Novembru 1994. U sentenza fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin*** *deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Onor. Imhallef Joseph R.Micallef fit- 28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell:*

"***"l-Ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tiehu, l-parti ezekutata tbaghti pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra"****;(Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Min mbaghad jrid jattakka l-esekuzzjoni ta' Mandat jrid jipprocedi skond l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza* **Baystreet Holdings Limited (C- 120858) vs Walter Zammit Cachia et** *deciza fis-7 t'April 2009 mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef :*

"***"Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura."***

*Vide wkoll is-sentenza fl-ismijiet* **Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Onor. Imhallef Mark Chetcuti nhar l-4 ta' Ottubru, 2011.*

"Fil-kuntest ta' dawn il-principji gurisprudenzjali il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma tawx raguni valida fil-ligi sabiex il-Mandat ta' Qbid kontestat jigi mhassar la kollu u lanqas parti minnu.

"Fl-ewwel lok u ghal dak li jolqot l-ewwel element mehtieg sabiex dan il-Mandat ezekuttiv jigi attakkat b'success, jirrizulta li la saret allegazzjoni u f'kull kaz ma giex pruvat li l-Mandat ta' qbid ezekuttiv Nru 510/16 fl-ismijiet

premessi gie prezentat quddiem il-Qorti zbaljata. Anzi huwa car li l-*quantum* tas-sorte ta' Eur18,000 jaqa' pjenament fil-parametri tal-gurisdizzjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk il-Mandat gie prezentat fil-forum idoneu.

"Fit-tieni lok ghal dak li jolqot it-tieni element mehtieg sabiex il-proceduri odjerni jkollhom ezitu favorevoli ghar-rikorrenti, u cioe' difett fil-forma tal-Mandat innifsu, issir referenza ghall-artikolu 274 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk-

"***"274.** (1) Kull wieħed mill-mandati msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, jiġu maħruġa mill-qorti fuq talba tal-esekutant:*

"*Iżda, meta fil-fehma tar-reġistratur il-firma tal-imħallef jew tal-maġistrat li għandu s-setgħa li joħroġ mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli jew mandat ta' sekwestru esekuttiv ma tistax tinkiseb fi żmien raġonevoli u illi d-dewmien jista' jkun ta' preġudizzju, l-imsemmi mandat jista' jiġi maħruġ bil-firma personali tar-reġistratur wara li jkun l-ewwel kiseb awtorizzazzjoni verbali mingħand l-imħallef jew il-maġistrat biex jagħmel hekk, l-imħallef jew il-maġistrat għandu jżid il-firma tiegħu taħt dik tar-reġistratur mal-ewwel opportunità li jkollu bi prova li dik l-awtorità tkun ingħatat jew inkella, jekk mhuwiex possibbli għar-reġistratur li jikseb dik l-awtorizzazzjoni, ir-reġistratur għandu joħroġ dak il-mandat jew ordni bil-firma tiegħu biss b'dan illi mħallef jew maġistrat ikun irid jirratifika dik il-firma kemm jista' jkun malajr, u ħadd ma jkun jista' jattakka r-regolarità ta' dak il-mandat minħabba li l-mandat ikun seta' joħroġ bil-firma ta' mħallef jew maġistrat, skont il-każ.*

"*(2) It-talba għall-ħruġ ta' mandat jew ordni għandha ssir b'rikors, u dan ir-rikors għandu jindika s-somma jew u, jew il-ħaġa dovuta bis-saħħa tat-titolu, kif ukoll ir-rimedji u, jew il-provvedimenti mitluba.*

"*(3) Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-Qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba.*

"*(4) Jekk bl-istess mandat jew ordni jintalab li jiġu rkuprati wkoll spejjeż ġudizzjarji, l-ammont tagħhom għandu jitniżżel fit-talba u ttaxxa ta' dawn l-ispejjeż tiġi annessa magħhom.*

"Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru 1754/14 **J Zammit Marketing Limited vs L-Av. Dottor Joseph Ellis noe** fil-11 ta' Settembru 2015[7]:

---

[7] Rik 775/15

*"Is-setgha tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata ghall-ezami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluza milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12. Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenza fil-kawza* ***Chetcuti vs St George's Park Co Ltd****."*

"Huwa evidenti li l-Mandat ta' Qbid in kwistjoni ma huwa afflitt minn ebda difett fil-forma tieghu. It-talba ghall-hrug tieghu saret debitament b'rikors fejn giet indikata s-somma dovuta. Gie debitament kollazzjonat. Il-kopja tal-atti relattivi ghall-hrug tal-Mandat, u cioe' il-Kambjala tat-28 t'Ottubru 2014 kif ukoll l-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2016 a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12, debitament notifikata, gew esebiti flimkien mal-Mandat. L-ispejjez mitluba u cioe' l-ispejjez tal-mandat innifsu, tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru 92/2016 fl-istess ismijiet ukoll gew indikati. Finalment, il-Mandat gie debitament akkordat minn Imhallef fis-6 t'April 2016.

"Maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis ghalhekk illi z-zewg ragunijiet migjuba mir-rikorrenti bil-ghan li jwasslu ghat-thassir tal-Mandat ma jaqghu taht ebda wahda minn dawn l-elementi fuq imsemmija. Il-fatt li l-Kambjala ffirmata mir-rikorrenti Scott fit-28 t'Ottubru 2014 prezentement qeghda tigi attakkata fi proceduri separati *ad hoc,* quddiem din il-Qorti kif preseduta, hija kwistjoni li f'dan l-istadju *se mai* tolqot l-esekuzzjoni tal-Mandat, izda l-hrug tieghu mhuwiex affetwat.

"Dwar dak li qieghed jigi argumentat mir-rikorrenti li l-vettura maqbuda bir-registrazzjoni numru BAT 288 ghadha mhijiex proprjeta' ta' Jette Scott minhabba t-termini tal-*hire-purchase agreement,* il-Qorti tqis li ghal darb'ohra din hija kwistjoni diretta lejn l-ezekuzzjoni tal-Mandat u m'ghandha ghalhekk ebda portata ghal finijiet tal-proceduri odjerni, liema kwistjoni fi kwalunkwe kaz ghandha *se mai* titressaq fi proceduri appoziti mit-terz proprjetarju interessat fil-vettura elevata[8].

"Finalment il-Qorti tqis li l-bqija tal-kummenti u argumenti mressqa mill-partijiet fir-rikors promotur u fir-risposta jaqghu lil hinn mill-parametri ta' dawn il-proceduri, fil-fatt dawn huma mertu ta' rikors mahluf appositu, u ghalhekk ma hemm ebda lok li jigu ndirizzati f'dawn il-procduri.

---

[8] Ghal kull buon fini jigi nnutat ukoll li l-prezenza ta' George & Rocco Car Centre Limited fil-proceduri odjerni hija "ghal kull interess li jista' jkollhom qua proprjetarji tal-vettura maqbuda", liema vesti hija legalment meqjusa bhala wahda vaga u ncerta u tindika li l-istess kumpanija rikorrenti taf li m'ghandhiex jew ghandha dubju jekk ghandhiex l-interess rikjest biex tipproponi tali azzjoni. Dan kif intqal fil-kaz **Nazzareno Spiteri et vs Karl Busuttil et d**eciz fis-27 ta' Marzu 2015 mill-Qorti tal-Appell.

> "**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta' Qbid ezekuttiv Nru 510/2016 fl-ismijiet premessi.**
>
> "**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti solidalment bejniethom.**"

Qed jappellaw allura r-rikorrenti li qed jitolbu r-revoka tas-sentenza u qed jitolbu li l-mandat in kwistjoni jigi revokat. L-appellat ma pprezentax risposta. L-avukati trattaw l-appell fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016 meta l-istess appell thalla ghas-sentenza.

L-aggravji huma tlieta – li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni ristretta tal-Artikolu 281, li r-ragunijiet migjuba mill-appellanti ma humiex marbuta mal-mertu kif qalet il-Qorti izda ta' natura procedurali wkoll u li l-Qorti kellha mhux biss tikkonsidra u izda tilqa' r-ragunijiet migjuba minnhom. Ghalhekk l-aggravji huma marbuta ma' xulxin u jistghu jigu ikkonsidrati f'daqqa.

Il-fuq imsemmi Artikolu tal-Ligi kif gia issemma' jipprovdi testwalment illi:

> "(1) Minghajr pregudizzju ghall kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih issottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi."

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija cara u kostanti. Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-

kawza **Pace v. Sultana** intqal li:

> "Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal- , mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;
>
> Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn <u>Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma</u>. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug tal-Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"

Ghandu jigi enfasizzat ghalhekk, illi fi proceduri bhal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluza milli tqis il-mertu tal-kreditu ezistenti bejn il-partijiet (ara s-sentenzi migbura fil-sentenza **Zammit noe v. Ellis noe, 15 ta' Dicembru 2015**). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq citata sentenza **Pace v. Sultana**: "ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg". Is-setgha tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata ghall-

ezami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluza milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Artikolu 274 tal-Kap. 12.

Fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) v. Doris Conchin** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell intqal hekk: "l-ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-Artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tiehu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg".

F'sentenza ohra ta' din il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Geomike Ltd v. Borg (29 ta' Mejju 2015)** giet citata sentenza ohra tal-Prim'Awla fl-ismijiet **A.A.S.K Enterprises Ltd v. MORE Supermarkets (Fgura) Ltd**, deciza fit-12 Frar 2015; "Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbusiv. L-argument tar-rikorrenti li l-esekuzzjoni tal-Mandat fuq hwejjeg li - skont ir-rikorrenti - qeghdin jaghmlu tajjeb ghall-kreditu li tghid li ghandha kontra l-esekutata u li - skont hi - jgawdu privilegg aqwa minn dak tal-intimata ma ghandu jkollu

l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu. Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta. Accertat illi kienu osservati r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti ma ghandhiex il-jedd li sabiex tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, tipprova tghid li l-Mandat ma jiswiex. .... Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skont l-Art 281 tal-Kap. 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta' rikors guramentat fejn taghmel il-kaz taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata".

Is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta appena citata (**Geomike v. Borg)** kompliet tghid illi: "Din hi l-pozizzjoni korretta, kif gie ribadit fis-sentenzi fost ohrajn, decizi mill-istess Qorti fil-kawzi **Tolio v. Komarzynic** deciza fit-28 ta' Mejju 1999, **Bay Street Holdings Ltd v. Zammit Cachia**, deciza fis-7 ta' April 2009, **Joseph Said Ltd v. Agius** deciza fit-18 ta' Gunju 2014 u **Vassallo v. HSBC Bank Malta Plc**, deciza fl-4 ta' Ottubru 2011. Min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' mandat irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors mahluf ai terminu tal-Artikolu 156 tal-imsemmi Kap. 12".

Minn dawn is-sentenzi johrog car li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-mandat in kwistjoni la ghandu difetti fil-forma tieghu u li l-hrug tieghu sar korrettement. Anke l-fatt ii l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tigi attakkata separatament bi proceduri ohra ma jfissirx li t-talba maghmula taht l-Artikolu 281 ghandha tigi milqugha ghax dan ma jaffettwa xejn il-hrug ‘per se’ tal-mandat. Il-kwistjoni tal-proprjeta` tal-vettura wkoll giet trattata korrettement mill-ewwel Qorti u din il-Qorti taqbel perfettament mal-analizi u l-konkluzjoni taghha. Dawn is-sentenzi huma tant cari fir-rigward, li jitkellmu wahedhom u kwindi l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tissofferma ulterjorment fuq it-talbiet tal-appellanti.

Din il-Qorti taqbel li t-talbiet tal-appellanti ibbazati kif inhuma fuq il-fatt li l-vettura in kwistjoni mhijex tar-rikorrenti Scott izda tas-socjeta` appellanti u li l-kambjala ghadha mhix titolu esekuttiv, ma humiex ta’ natura procedurali kif jissomettu l-appellanti, izda jmissu s-sustanza tat-talba taghhom. Il-mandat certament inhareg mill-Qorti kompetenti u ma hemm ebda zball fil-mod kif gie ordnat – u dawn kienu l-kwistjonijiet procedurali li kellhom jigu ikkonsidrati. It-talba tal-istess appellanti allura giet gustament michuda.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez kollha komprizi tal-istess appell huma a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df